Matul il-karriera tiegħu, Bech dejjem żamm f'moħħu l-memorja tal-Ewwel Gwerra Dinjija u l-kriżi li segwiet li matulha l-Lussemburgu kien fil-periklu li jinħataf mill-ġirien tiegħu. Din is-sensazzjoni ta' impotenza wasslitu sabiex juri l-appoġġ tiegħu għal internazzjonaliżmu qawwi.

Għaldaqstant, irrappreżenta lil-Lussemburgu fin-negozjati multilaterali kollha matul u wara t-Tieni Gwerra Dinjija, u ħeġġeġ lill-kompatrijotti tiegħu sabiex jaċċettaw l-adeżjoni tal-Gran Dukat fl-organizzazzjonijiet internazzjonali li nħolqu: il-Benelux fl-1944, in-Nazzjonijiet Uniti fl-1946 u n-Nato fl-1949.

## Il-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar

Fid-9 ta' Mejju 1950, Bech kien il-Ministru tal-Affarijiet Barranin tal-Lussemburgu. Konxju mill-bżonn li pajjiżu jgħaqqad lill-ġirien tiegħu permezz ta' ftehimiet ekonomiċi u politiċi, kien b'entużjażmu kbir li laqa' l-proposta mressqa f'dik id-data mill-kontroparti Franċiża tiegħu, Robert Schuman, sabiex tinħoloq Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar. Huwa kien jaf li dan kien se jagħti lil-Lussemburgu l-opportunitajiet li kien jeħtieġ u jagħti lill-pajjiż post u vuċi fl-Ewropa. Il-Lussemburgu ħa spinta oħra fir-rwol tiegħu fl-Ewropa meta rnexxielu jġib il-kwartieri ġenerali tal-Awtorità Għolja tal-Komunità tal-Faħam u l-Azzar fil-Lussemburgu.

Bħala l-pass li kien imiss, Bech appoġġja l-pjanijiet tal-Komunità Ewropea għad-Difiża. Dawn ma ntlaqgħux minn Franza fl-1954, iżda dan kien għadu ferm 'il bogħod minn tmiem l-integrazzjoni Ewropea.

## Il-Konferenza ta' Messina

Mill-1 sat-3 ta' Ġunju 1955, Joseph Bech ippresjeda l-Konferenza ta' Messina li iktar tard wasslet għat-Trattat ta' Ruma, li permezz tiegħu twaqqfet il-Komunità Ekonomika Ewropea. L-enfasi ta' din il-Konferenza kien memorandum sottomess mit-tliet pajjiżi tal-Benelux, inkluż Joseph Bech bħala r-rappreżentant tal-Lussemburgu. Il-memorandum ġabar flimkien il-pjanijiet Franċiżi u Olandiżi li joffru kemm it-twettiq ta' attivitajiet ġodda fl-oqsma tat-trasport u l-enerġija, speċjalment dik nukleari, kif ukoll Suq Komuni ġenerali, b'enfasi fuq il-ħtieġa ta' awtorità komuni b'setgħat reali. Abbażi tal-esperjenza miksuba bil-Benelux u bil-Komunità tal-Faħam u l-Azzar, it-tliet Ministri tal-Affarijiet Barranin ipproponew pjan, li kompla jibni fuq idea mressqa mill-Ministru Olandiż Beyen, li rrakkomanda kooperazzjoni ekonomika bħala l-mod li bih tista' tinkiseb unifikazzjoni Ewropea. Dan ir-'Rapport Spaak', imsemmi għall-Ministru Belġjan Spaak, il-President tal-Kumitat li abbozzah, sar il-pedament għall-Konferenza Intergovernattiva li abbozzat it-trattati dwar suq komuni u l-kooperazzjoni dwar l-enerġija atomika, u li ġew iffirmati f'Ruma fil-25 ta' Marzu 1957.




*Bech b'ċine-kamera, igawdi mument ta' mistrieħ fil-Konferenza ta' Messina fl-1955.*

Fl-1959, wara li kien ilu f'dak l-inkarigu sa mill-1929, Bech irtira minn Ministru tal-Affarijiet Barranin. Mill-1959 sal-1964, ippresjeda l-Kamra tar-Rappreżentanti qabel ma ħalla x-xena politika fl-età ta' 77 sena. Huwa miet 11-il sena wara, fl-1975. Għar-rwol tiegħu fl-unifikazzjoni tal-Ewropa, illum inqisuh bħala wieħed mill-missirijiet fundaturi tal-Unjoni Ewropea. Huwa ta eżempju eċċellenti dwar kif pajjiż żgħir bħal-Lussemburgu jista' jkollu rwol kruċjali fuq skala internazzjonali.